# IL-KOTBA KORALI TAL-GRAMMASTRU L'ISLE ADAM



*Dun Ġwann Azzopardi*
*Kuratur tal-Mużew tal-Kattidral*

F'Ottubru tal-1989 saret f'Malta l-ewwel laqgħa mondjali tal-Kavalieri ta' l-Ordni Sovran ta' San Ġwann l-ewwel darba li ltaqgħu f'kungress l-assoċjazzjonijiet kollha minn meta l-Ordni ħalla Malta fl-1798. Għal din l-okkazjoni storika ttellgħet wirja kommemorativa bit-titlu "L-eqdem Wirt ta' l-Ordni f'Malta". Il-wirja damet biss xahrejn iżda bis-saħħa tagħha ġie publikat ktieb sabiħ bi studji, katalgu u bosta stampi bil-kulur li jitfa' dawl ġdid fuq diversi opri ta' arti u kultura li ħallewlna l-Kavalieri.

Ta' nteress għall-qarrejja tagħna huma żewġ oġġetti li ġew murija u huma wkoll deskritti fil-publikazzjoni: l-istatwa l-anitka ta' S. Ġużepp, mislufa mill-Arċikonfraternità ta' S. Ġużepp, u l-kotba Korali ta' l'Isle Adam, mislufa mill-Konkattidral ta' San Ġwann.



F'dan l-artiklu qasir mhux se nitkellmu fuq l-istatwa ħlief biex ngħidu li din ingħata post prominenti fiċ-ċentru tas-sala tal-fided, ġo vetrina miksija bellus aħdar. L-istatwa kienet fuq pedestall b'mod li wieħed seta' jaraha mill-viċin, kif jidher mir-ritratti tajba li ttieħdu.

Se nitkellmu iżda fuq il-*kotba korali ta' l'Isle Adam*, serje ta' tmien kotba kbar ħafna miktuba mhux fuq karta iżda fuq parċmina u llegati bil-ġild. Dawn fihom il-kant li kienu jitkanta fil-kor u għalhekk jisejjħu *korali*.

Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li l-Kavalieri kienu ordni mhux biss militari, jiddefendu l-fidi kattolika kontra l-Misilmin, iżda fuq kollox ordni reliġjuż, marbutin bil-voti bħall-patrijiet l-oħra għalkemm ma kienux saċerdoti. Kellhom ukoll sezzjoni ta' qassisin, magħrufa bħala kappillani konventwali, li kienu joffiċċjaw fil-Knisja Konventwali (San Ġwann tal-Belt) u fil-knejjes l-oħra ta' l-Ordni, fosthom fil-Grotta ta' San Pawl fir-Rabat. Il-kap spiritwali ta' l-Ordni kien il-Gran Prijur bħalma l-kap militari kien il-Grammastru.

Kienet drawwa sabiħa li kull Grammastru meta jilħaq jagħti rigal xieraq lill-Knisja Konventwali u billi bosta Grammastri kienu minn familji nobbli u għonja, dan ir-rigal kien ikun rikk u prezzjuz. Hekk il-Grammastru Perellos ħalla l-famużi tapezzeriji li llum huma esposti fil-Mużew tal-Konkatidral ta' San Ġwann. L'Isle Adam laħaq Grammastru fi żmenijiet diffiċli, li fihom l-Ordni tilef Rodi u dam jiġġerra bla dar fissa sakemm l-imperatur Karlu V tahom Malta li tagħha l'Isle Adam ħa l-pussess fl-Imdina fl-1530. Ir-rigal ta' l-l'Isle Adam jingħad li hu dawn il-kotba prezzjużi, mimlijin minjaturi mill-isbaħ. Mhux magħruf min kitibhom u pinġihom u lanqas

meta ġew mogħtija. Hemm min jaħseb li, minħabba ż-żmenijiet diffiċli, dawn saru meta l-Ordni kellu dar stabbli f'Malta u Knisja Konventwali stabbli, li kienet San Lawrenz tal-Birgu. Il-Belt Valletta fi żmien l'Isle Adam kienet għadha mhix mibnija.

L-arti tal-minjatura li biha kienu jiżżejnu l-kotba korali kienet popolari fil-Medju Evu tardiv, fi Franza u pajjiżi oħra għalkemm illum ma baqax wisq minn dan il-kotba. Fil-Mużew tal-Kattidral ta' l-Imdina hemm il-famus *Codex Evangeliorum Melitensis*, tas-seklu 12, mimli minjaturi, li hu fost l-aktar importanti fl-Ewropa. Meta l-bieraħ kellimt lid-Direttur tas-sezzjoni tal-manuskritti tal-Bibljoteka Nazzjonali ta' Pariġi, Monsieur Fraçois Avril, qalli: Malta, fl-Imdina, għandkom wieħed mill-kodiċi minjati l-aktar importanti. Il-kotba korali kienu jeħtieġu kittieba u artisti speċjalizzati. Barra l-kliem tal-liturġija, l-inizjali kienu jkunu dekorati bi xbihat ta' fjuri, jew kultant animali, kif ukoll b'xeni mill-Iskrittura skond il-festa liturġika, b'kuluri sbieħ fuq sfond bid-deheb. Kienu jintużaw ħafna folji tad-deheb f'dawn il-kotba.

It-test liturġiku tal-kotba korali ta' l'Isle Adam hu dak ta' qabel il-Konċilju ta' Trento, tant li wara dan il-Konċilju f'kull wieħed mill-volumi żdieded folja parċmina b'nota u kultant b'indiċi fejn ġie spjegat li dak kollu li hemm fil-ktieb li mhux skond ma ġie approvat mill-Konċilju għandu jiġi mwarrab.

Iżda l-valur ewlieni ta' dawn il-kotba mhux it-test imma (minjaturi. Fi tmien volumi hemm għoxrin faċċata li fihom minjaturi kbar (qisu 18 cm x 18 cm.) kif ukoll burdura dekorata mal-faċċata kollha. Dawn l-għoxrin minjatura jkopru l-festi prinċipali, bħall-Milied, L-Għid, Lapsi , Għid il-Ħamsin, Corpus, l-Imnarja, San Ġwann Battista ecc. Fiċ-ċentru tal-burdura t'isfel ta' kull waħda minn dawn l-għoxrin faċċata hemm l-arma ta' l'Isle Adam waqt li fil-burduri tal-ġnub ta' kull waħda minn dawn l-għoxrin faċċata hemm il-motto ta' l'Isle Adam POR LA FOY (Għall-fidi). L-għoxrin minjaturi kbira fihom kuluri sbieħ (blu, aħdar u aħmar) fuq sfondi tad-deheb. Jistgħu ikunu xogħol ta' aktar minn artist wieħed. Aktarx li min jagħmel id-disinn kien jagħmel ukoll il-burdura. Minjatura sabiħa fl-Avvent hi dik ta' Cesare Awgustu għarkubtejh quddiem is-sibilla Rumana li tħabbar il-paċi messjanika u tidher ukoll xbiha żgħira tal-Madonna: l-imperatur Awgustu tal-paċi lill-imperu Ruman u f'din is-saltna ta' paċi kellu jitwieled il-Messija. Hawn għandna kważi profeżija messjanika fil-paganeżimu. Fl-imgħoddi din il-minjatura kurjuża ġieli ħasbuha xi viżjoni lill-Beatu Gerardu, Fundatur ta' l-Ordni iżda fi żmien L'Isle Adam qatt ma kien hemm kult tal- Beatu Gerardu.

Tkellimna fuq l-għoxrin minjatura kbira; iżda fl-1986 faċċata ta' dawn it-tmien kotba hemm mas-650 minjatura oħra, xi ħamsin minnhom ta' daqs medju, aktarx b'influenza Taljana, u s-600 l-oħra żgħar ħafna iżda sbieħ ferm u mportanti. hemm imbagħad daqs 600 ittra oħra mhux b'minjaturi iżda b'dekorazzjoni ta' wċuh u figuri - dan jissejħu ittri storjati (bi storja). Kieku wieħed kellu jeżamina sewwa dawn il-minjaturi kollha u dawn l-ittri dekorati isib ħafna bl-istess disinn iżda b'kuluri differenti. Iżda xorta waħda jibqa' ħafna diversità u rikkezza ta' materjam li jixraqlu jkun aktar magħruf u studjat. Fl-1902 Mons. Isidor Formosa Montalto kien ippubblika studju fuq il-kotba korali ta' San Ġwann, inkużi dak ta' l'Isle Adam li minnhom iddeskriva sebgħa. Għall-wirja ta' l-1989 l-istudju ta' dawn il-kotba sar minn Mario Buhagiar, lecturer fl-istorja ta' l-arti fl-Università; li daħal f'aktar dettalji. Iddeskriva tminn kotba mhux sebgħa, dak kollha li hemm esposti bl-arma ta' l'Isle Adam fil-Mużew tal-Konkattidral. Kull waħda mill-għoxrin minjatura prinċipali hi wkoll illustrata bil-kulur. Mhux ta' min jeskludi li s-serje seta' kellha aktar volumi għax l-uffiċju ta' xi festi ma jeżistix.

Ma rridx inħalli barra li waħda mill-minjaturi prinċipali hija l-ittra tal-kelma *Ego*, li turi mhux misteru liturġiku iżda l-arma ta' l-istess L'Isle Adam miżmuma minn żewġ anġli, omaġġ mistħoqq lill-Grammastru ta' rigal hekk prezzjuż lill-Ordni.

Wara l-wirja l-kotba marru lura San Ġwann iżda bil-kooperazzjoni prattika tal-Għaqda Ħbieb tal-Mużew tal-Kattidral, il-1986 faċċata ta' din l-opra ġew kollha fotografati bil-kulur għal skop ta' riċerka u publikazjoni eventwali jekk qatt jinstabu l-mezzi. Il-fotografiji saru minn Mario Gauci taħt id-direzzjoni ta' Ġiuseppe Cassar.

Jekk qatt naslu għal din il-pubblikazzjoni li tagħmel unur kbir lil Malta, naħseb li anki L'Isle Adam mill-glorja tal-genna jifraħ li l-opra tiegħu wara mijiet ta' snin għadha tispira interess fil-kamp ta' l-arti u l-kultura.